MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Numru. 326/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Antoine Attard ta’ 36 sena iben Philip u Sapienza nee Grima, imwieled Pieta` fit-19 ta’ Dicembru,1975 residenti Shekenah Triq Dun Bartolomew, Zebbug u detentur tal-karta ta’ l-identita` 41376(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fil-26 ta’ Marzu, 2012, u fix-xhur ta’q abel, gewwa Hal-Far b’diversi atti li ma gewx maghmula b’rizoluzzjoni wahda izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ikkommetta serq ta’ diesel liema serq jeccedi il-Euro 232.93 izda ma jeccedix l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgah u disghin centezmu (2390.24) u ghalhekk

ikkwalifikat bil-valur, bil-lok u bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-kumpanija Shembri Bros.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penal kwazi nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat iddispjacih ghal dak li ghamel u lest li jirrifondi d-danni sofferti mill-parte leza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)d)(e)), 267, 268, 269, 279(a), 280(1) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront u tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta qed dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Illi wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti tordna lill-imputat ihallas lil parte leza rapprezentant Schembri Bros is-somma ta’ mitejn u tmiena u tmeni euro €288 u dan fi zmien 6 xhur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------